# RIŻORSA 12

**Mostar, Bożnija-Ħerzegovina**



Kartolina tal-era Awstrijaka li turi l-multikulturaliżmu ta' Mostar permezz ta' tpinġijiet ta' arkitettura Musulmana u Nisranija importanti, c. 1900

*Sors: IKC Mostar f'Postwar images and Identities of Mostar, Emily Makas*
http://www.academia.edu/2211280/5_Postwar_Images_and_Identities_of_Mostar



*Mostar u l-Inħawi,* 2006: Mappa ta' gwida turistika kontemporanja ta' Mostar li turi l-użu kontinwu ta' siti arkitettoniċi monumentali li jirrappreżentaw twemmin reliġjuż differenti (Musulman, Ortodoss, Nisrani u Lhudi) biex tippreżenta stampa multikulturali tal-belt

*Sors: SrpskaKnjižarnidža B.M. Radovina, Mostar, f'Postwar images and Identities of Mostar, Emily Makas*

**L-Imperu Awstro-Ungariku**




Kartolina tal-Ewwel Gwerra Dinjija bid-disa' lingwi tal-Imperu Awstro-Ungariku li ntbagħtet mis-suldati biex jinfurmaw lill-maħbubin li kienu għadhom ħajjin
Bi tmien lingwi tgħid:
"Ninsab tajjeb u f'saħħti."
"Huwa pprojbit li wieħed iżid kliem ieħor f'din il-kartolina."

*Sors: Mużew Militari, Budapest, l-Ungerija*

L-Imperu Awstro-Ungariku (1867-1918), li kien magħmul minn bosta nazzjonalitajiet differenti, kien entità politika li finalment inqasmet fi stati nazzjon ġodda fil-bidu tas-seklu XX. X'tipi ta' diversità kulturali u etnika huma evidenti fit-tliet stampi hawn fuq?

**L-Unjoni Sovjetika**




Poster ta' propaganda Sovjetika minn B. Bilotlskii bit-titolu "S.R.S.R." (Żgħażagħ fit-Taqbida Favur il-Kawża ta' Lenin)

Fl-ex Unjoni Sovjetika, intużat il-propaganda biex tingħata l-idea ta' federazzjoni tan-nazzjonalitajiet kollha fi ħdan identità Sovjetika komuni. Dan il-poster juri ċittadini żgħażagħ tal-Unjoni Sovjetika minn bosta etniċitajiet.

*Sors: Corbis*

- X'messaġġ qed jipprova jagħti dan il-poster?
- Taħseb li reġim politiku jista' joħloq identità ġdida għal stat u jġiegħel lil popolazzjoni sħiħa taderixxi magħha?

**L-Alsace**




http://www.ina.fr/video/I00012267/temoignage-de-robert-loos-sur-l-identite-alsacienne-video.html
*Sors: Institut National de l'Audiovisuel (Ina), France*

L-Alsace huwa reġjun fil-qalba tal-Ewropa bejn Franza u l-Ġermanja. Huwa kellu storja turbulenti u spiss traġika minħabba l-pożizzjoni strateġika tiegħu bejn dawn in-nazzjonijiet b'saħħithom. Alsazjani biddlu n-nazzjonalità erba' darbiet matul l-aħħar 150 sena.

Ara l-filmat ta' raġel xwejjaħ jitkellem dwar l-istorja tal-Alsace u kkunsidra kif bidliet suċċessivi affettwaw il-ħajja u s-sens ta' appartenenza tan-nies.